IT-TMIEN LEĠISLATURA

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

Laqgħa Numru 65

Nhar it-Tnejn 22 ta' Jannar 2024

Il-Kunsill Lokali l-Gżira ltaqa' bil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5:00pm.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku

Ralph Mangion – Viċi Sindku

Neville Chetcuti – Kunsillier

Ian Buhagiar- Kunsillier

Hugh Caruana- Kunsillier

Jessica Borg- Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Mario Azzopardi- Kunsillier

ASSENTI

Alexander Calleja Zammit

UFFIĊJAL PREŻENTI:

**Mandy Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti s-Sindku Conrad Borg Manche, il-vici Sindku Ralph Mangion , il-kunsillera: Neville Chetcuti, Ian Buhagiar u Hugh Caruana.

**65.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji**

65.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fil-Hamsa  ta' filgħaxija.

65.1.2 Id- deputat Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia infurmat li rċeviet ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsillier Mario Azzopardi peress li kien imsiefer.

**65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

65.1 Korezzjonijiet u xogħol li jrid isir.

65.1.1 Il-viċi sindku Ralph Mangion qajjem il-punt li x-xogħol tal-ġonna miexi sew ħafna u saru kambjamenti sew minn l-aħħar laqgħa li saret. Mangion spjega li nfetħet chat fuq Whattsap bl-isem ta' *Gżira Soft Areas*, biex ikun hemm aġġornament tax-xogħol li qed isir. Spjega ukoll li fih qed jintbgħatu ritratti biex kulħadd ikun infurmat bix-xogħol li qed isir. Is-Sinj Kathleen li nhatret *administrator* ta' dan ic-*chat* group hi mitluba iżżid lill-kumplament tal-membri tal-kunsill f'din ic-chat.

65.1.2 Il-viċi sindku Ralph Mangion għamel referenza għall-oġġezzjoni li kien għamel biex Triq Manwel de Vilhena ma tingħalaqx. Il-viċi sindku staqsa wkoll jekk kienux saru l-*isleeping police* fi Triq Luqa Briffa.

65.1.3 Il-kunsillier Neville Chetchuti fakkar li jehtieg li ssir il-*junction box* ta Ta' *Sliema Road* ta' quddiem il-*King's Rest* peress li ilha li tneħħiet u qatt ma reġgħet saret. Huwa semma wkoll li trid tiġi kkuntatjata *Transport Malta* biex isiru l-linji fi *Sliema Road*. Il-kunsillier Neville Chetcuti fakkar ukoll dwar is-suġġeriment li kien qam fil-laqgħa 64 li jsiru planters jew cones fissi fi Triq il-Knisja -mal-ħajt tal-ispiżżerija, biex il-karozzi ma jkunux jistgħu jgħaddu. Il-kunsillier Neville Chetchuti issuġġerixxa wkoll li ssir speed limit ta' 30kmph ġewwa dik it-triq. It-*Transport Malta* se tiġi infurmata biex dan isir ukoll.

65.1.4 Il-kunsillier Neville Chetchuti talab li tiġi rraportata *Msida Road* lejn Triq ix-Xatt lill-*Infrastructure Malta* peress li x-xogħol ġewwa din it-triq ma sarx sew u hemm bżonn li terġa' tingħata t-*tarmac.*

65.1.5

65.1.6 Il-kunsillier Ian Buhagiar reġa' staqsa biex isiru aktar *parkings* fit-triq *ta'Azzopardi Fisheries* u s-sindku Conrad Borg Manche, se jiċċekja fuq il-possibilta' ta' dawn il-*parkings.*

65.1.7

65.1.8 Il-kunsillier Ian Buhagiar reġa fakkar li l-bus stop għada ma saritx. Faces se tiġi kkuntatjata biex din issir.

Il-kunsillier Ian Buhagiar saħaq ukoll li hemm bżonn li jsiru *bollards* fi *Sliema Road* fejn l-*istage*.

65.2 Il-viċi Sindku Ralph Mangion fakkar li kellha issir tabella bil-ħin (8am – 5p.m) biex ma jipparkjawx karrozzi fi *Sliema Road* fejn *Swift Tyres* sabiex dawn ikunu jistgħu joħorġu matul il-ġurnata. Fil-għaxija mbgħad ikun jista' jipparkja min irid. Il-kunsill diġa kien qabel li din issir pero s'issa għada ma saritx. Hemm bżonn li l-kunsill jiċċekeja mas-Sinj. Kathleen fuq din.

Il-minuti ġew proponuti mill-kunsillier Ian Buhagiar u ssekondati mill-kunsillier Hugh Caruana.

65.3 Korrespondenza lis-sindku

65.3.01 Is-sindku Conrad Borg Manche irċieva ittra mingħand il-kuntrattur li qed jibni fil-binja tal-kunsill. Il-kuntrattur jixtieq jibni *lift* ieħor minflok ix-*shaft* preżenti. Dan il-*lift* ikun jista' jiġi aċċessat mill-membri tal-kunsill. Il-kuntrattur qed jiproponi biex fil-livell tal-kunsillier il-lift jista' jieqaf biss b'ċavetta. Il-kunsilliera kollha qablu ma din il-proposta.

65.3.02 Is-sindku ġibed l-attenzjoni dwar spejjeż li għandhom jitħallsu mill-kunsill (Eur248) bħala danni fil-konfront ta' mara li waqgħet fi triq Carlo Manche.

65.3.03 Deputat Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia ġibdet l-attenzjoni fuq korrespondenza li rċeviet biex tinxtara rota għall-*community police*. Dawn jiswew EUR 1900 il-waħda. Il-kunsilliera ssuġġerew li jinxtraw tnejn biex ikun jista' jsir *patrol* aħjar. Il-kunsillier Neville Chetcuti issuġġerixxa li ssir talba lill-LESA biex parti mill-ispiża titħallas minnha.

65.3.04 Saret talba li l- Marina Spring festival tiġi post posta b'ġimgħa. Il-kunsill ma sabx oġġezzjoni li din l-attivita issir bejn l- 24 u s-26 ta' Mejju 2024.

65.3.05 Il-kunsillier Neville Chetcuti staqsa jekk hux possibli li tintuża l-iskema tan-niċeċ biex tiżżejjen in-niċċa ta' ġewwa triq Luqa Briffa.

65.3.06 Il-viċi segretarja Mandy Farrugia qalet li hemm l-iskema tal-LESA li tista' tintuża biex jitwaħħlu cameras fuq barra, jitranġaw bandli etc. Is-sindku Conrad Borg Manche se jiċċekkja fuqha. Il-kunsill wera x-xewqa li ssir applikazzjoni għal din l-iskema.

65.3.07 Is-sindku Conrad Borg Manche infurma l-membri tal-kunsill li daħlet applikazzjoni wara li ħarġet sejħal għal segretarju eżekkutiv. Is-sindku propona li

jkun hemm il-kunsilliera Jessica Borg u Neville Chetcuti, il-viċi sindku Ralph Mangion u is-sindku Conrad Borg Manche preżenti għall-*interview*.

6.3.08 Il-kunsilliera Jessica Borg semmiet l-attivita tal-karnival biex tkun tinkludi xi ħaġa aktar mill-kompetizzjoni tas-soltu bħal xi kant tat-tfal etc. Hi qalet li se tiddiskuti x'jista' jsir mas-Sur Joseph u pproponiet li din l-attivita issir fil-11 ta'Frar.

65.3.09 Il-kunsillier Neville Chetcuti fakkar li s-sur Ray Demicoli tan-*Notebook Centre* kellu jibgħat rendikont tas-servizzi.

64.3.10 Il-kunsill semma l-pagamenti pendenti: fosthom AC's, pagamenti ta gazzetti u servizzi ta' *security* waqt l-attivita *Cats and Dogs*. Fuq l-attivita jehtieg ta' aktar informazzjoni minngħand is-Sinj. Cathleen. Hemm ukoll xi ċitazzjonijet li jridu jitħallsu (EUR1500). Dan peress li kien hemm karozza li ma ġietx skrepjata sew. Irid ukoll jitħallas Dr. Christopher Vella minħabba l-kawża ta' Romina Mifsud vs il-kunsill lokali tal-Gżira. Hemm ukoll *invoices* tal-banda u l-attivitajiet tal-Milied.

65.4 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

65.4.1 Il-kunsillier Ian Buhagiar ippropona li l-PAS jiġu approvati. Il-kunsillier Neville Chetcuti issekondaħ

65.5 Mozzjoni

65.5.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

65.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

65.6.1 Il-laqgħa intemmet għall-ħabta tas- 7.00p.m. Is-seduta li jmiss se tkun it-Tnejn 26 ta'Frar 2024

Konfermati llum 22 ta' Jannar 2024

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche | Mandy Farrugia |
| Sindku | Dep. Segretarju Eżekuttiv |